KUNSILL LOKALI

**MOSTA**

LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fit-8.05 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35p.m. | 10.10p.m. |
| Viċi Sindku Joseph De Martino | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.45p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | assenti | |
| Kunsillier Mario Sammut | skużat | Xogħol |
| Kunsillier Kirby Fenech | skużata | Xogħol |
| Kunsillier James Cassar | 9.39p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.50p.m. | 9.40p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.53p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.05p.m. | 10.10p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00(a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru. 24 tal-25 ta' Lulju, 2013**

Il-minuti kien intbagħtu qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

Dwar Item 3.0(d). Il-Kunsillier Alexander Muscat qal li xtaq jagħmel kjarifika li fil-fatt Transport Malta ma ssuġġerewx *parking* quddiem il-Knisja Rotunda iżda staqsew jekk quddiem il-Knisja jistax jintuża wkoll min *hawkers.*

Dwar item 3.0(c). Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia infurmat li illum kienet irċeviet ittra mingħand is-Sinjuri Abdilla (bejjiegħa tal-ħut) fejn qalu li huma kienu ilhom ibiegħu l-ħut fi Pjazza Rotunda fil-post fejn issa saret *Un/Loading Bay* u talbu li jerġgħu jibdew ibiegħu l-ħut bejn it-tmienja ta' filgħodu u nofsinhar mit-Tnejn sal-Gimgħa.

Is-Sindku spjegat li din l-*Un/Loading Bay* kienet saret fuq approvazzjoni ta' Transport Malta wara li kienet saret petizzjoni mil-ħwienet tal-Pjazza. Hija qalet li din it-talba tas-sinjuri

Abdilla kienet tmur kontra il-provedimenti tal-liġi tal-*hawkers* u għalhekk ma setgħatx tiġi milqugħa mill-Kunsill. Barra min dan jekk issir bil-ħin kif mitlub, din ma tkunx tista' tintuża bħala *Un/Loading Bay* minn tal-ħwienet filgħodu meta fil-fatt l-iktar li jitqassam ix-xogħol mid-distributuri huwa filgħodu. Apparti minn hekk is-Sindku ma kienitx tal-ideja li dan l-*Un/Loading Bay* jiġi utilizzat għal 4 siegħat biss fil-ġurnata, peress li ħa jkun l-uniku *Un/Loading Bay* fil-Pjazza mill-ħwienet tal-madwar.

Il-Kunsillier Muscat qal li l-ħin tal-*Un/Loading Bay* seta' jsir bejn nofsinhar u s-sebgħa ta' filgħaxija. Dan kien isir f'kunsilli oħra. Tkellem il-Kunsillier David Meilak li qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent li ma jsirux *Un/Loading Bays* bil-ħin mitlub minn persuni partikolari imma għandu jiġi mħares l-interess komuni, dan biex ma jsirx preċedent.

Il-Kunsillier Keith Cassar qal li hemm ma jkunux jistgħu jinqdew id-distributuri. Dawn kienu jqassmu x-xogħol lil tal-ħwienet prinċipalment filgħodu u mhux wara nofsinhar x'ħin tal-ħwienet ikunu magħluqin bil-*break*.

Waqt din id-diskussjoni tkellmu wkoll is-Sinjuri Abdilla wara li dawn ingħataw permess mill-Kunsill.

Is-Sindku qalet li d-deċiżjoni kienet ittieħdet mill-Kunsill u l-*Un/Loading Bay* kienet approvata minn Transport Malta u għalhekk jekk il-Kunsill jirċievi xi ittra minn Transport Malta terġa' ssir diskussjoni fil-Kunsill.

## 3.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta' Pagamenti

Giet approvata unanimament lista ta' pagamenti b'ammont totali ta' Euro 125,289.81 kif ippreżentata u annessa ma' dawn il-minuti.

### b) Lista tal-*Works Orders*

Giet approvata unanimament lista ta' *Works Orders* kif ippreżentata u annessa ma' dawn il-minuti.

### c) Lista tal-*Purchase Orders*

Giet approvata unanimament lista ta' *Purchase Orders* kif ippreżentata u annessa ma' dawn il-minuti.

### d) Lista ta Depożiti

Giet approvata unanimament lista ta' Depożiti kif ippreżentata u annessa ma' dawn il-minuti.

### e) Risposta tal-*Management Letter*

Tqassmet u ġiet approvata unanimament ir-risposta għall-*Management Letter*. Kopja annessa ma' dawn il-minuti.

## 4.00 Korrispondenza

Giet ippreżentata lista ta 7 items ta' Korrispondenza. Id-decizjoni tal-Kunsill dwar din il-korrispondenza tinsab annessa ma dawn il-minuti.

**5.00 Nominazzjoni Ġieħ il-Mosta**

Ġiet approvata unanimament li bħal snin oħra l-Kunsill jilqa' nominazzjonijiet għall-għoti ta' Ġieħ il-Mosta bil-kundizzjonijiet u proċedura stabbilita' mill-Kunsill fil-passat. Ġie iċċarat li meta n-nominazzjonijiet jgħaddu għand il-Kumitat tal-Kultura, dan il-kumitat għandu biss jivverifika dak li jinkiteb dwar il-persuni nominati u jekk ikun il-każ isir xi informazjoni dwar il-persuni nominati. Il-Kumitat ma kienx il-kompitu tiegħu li jipproponi lil min jingħata dan l-unur. Kien il-Kunsill li għandu jiddeċiedi min għandu jingħata l-unur ta' Ġieħ il-Mosta.

**6.00** ***Awarding of Tenders***

**6.01 KLM 02/2013 –** ***Tender for the Collection of Bulky Refuse***

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni li t-tender jingħata lis-Sur Jimmy Muscat.

**6.02 KLM 03/2013 – Tender for Maintenance of Traffic Signs and Road Markings**

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni li t-tender jingħata lil Koperattiva Koptasin.

**7.00** ***MEPA Revision of Local Plans – Input from Council***

Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia ippreżentat kopja tal-Policy uffiċjali dwar il-MEPA *Local Plan* tal-Mosta kif approvat mill-Gvern Centrali fl-2006. Issa li kien ser isir reviżjoni tal-pjanijiet lokali kollha ta' Malta, l-Kunsill ġie mitlub jagħmel il-proposti tiegħu għall-kunsiderazjoni tal-MEPA. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera kollha sabiex iressqu l-proposti tagħhom dwar dan il-pjan.

Ġie deċiż unanimament li issir laqgħa pubblika apposta sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor l-opinjoni u s-suġġerimenti tar-residenti mostin u jsir rapport li wara li jiġi approvat mill-Kunsill, jintbgħat lill-MEPA. Il-Kunsill għandu jinforma lir-residenti bil-laqgħa u tinħatar xi persuna intiża fuq il-pjanijiet lokali sabiex tkun *moderator* għal-laqgħa pubblika.

**8.00** ***Legal Agreements***

**8.01.** ***Room for use by youths*** **in Gnien Grognet De Vasse**

Ġie approvat unanimament il-ftehim sabiex kamra li tinsab fil-Gnien Grognet De Vasse tintuża mill- grupp ta' żgħażagħ immexxi mis-Sur Martin Chetcuti u s-Sna Stephanie Camilleri. Dawn huma Youth Workers kwalifikati u kienu wkoll il-persuni li flimkien mall-Kunsill applikaw u rebħu fondi mill- iSkema 'President's Award' . Dawn il-fondi ġew użati sabiex żgħażagħ jagħmlu proġett artistiku f'dan l-istess ġnien hawn fuq imsemmi.

**8.02. C H Formosa – Kuntratt ta' Kera tal-Mosta Day Centre / Youth Empowerment Centre.**

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ġew iffirmata l-emendi fil-kuntratt hawn fuq imsemmi għal riduzzjoni fl-ammont ta' kera li l-Kunsill kien qed iħallas skont il-kuntratt oriġinali.

**8.03** Gie innotat li d-diriġenti tal-*Military Collecton Club* kienu nteressati fil-kmamar taż-Zokrija li l-Kunsill għandu mikrija mill-*Housing Department.* Il-Kunsill qabel li jitkellem ma' dawn id-diriġenti u jipprova jilħaq ftehim magħhom jekk ikun il-każ.

**9.00 Affarijiet Oħra**

Gie approvat li l-Kunsill japplika sabiex tinbidel is-sistema tal-elettriku f'ta Bistra minn waħda *single phase* għal waħda *three phase*. Il-ħlasijiet ta' dawn il-kontijiet għandhom jiġu rifużi minn Heritage Malta u eventwalment l-arloġġi tad-dawl u l-ilma jiġu rreġistrati f'isem Heritage Malta.

**10.00 – Aġġornament**

Il-Laqgħa spiċċat fl-10:10 ta' filgħaxija.

Gie deċiz unanimament li Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha ssir il-Ħamis 29 t'Awwissu, 2013.

***Dott. Shirley Farrugia***
***Sindku***

***John J. Camilleri***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***